

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Drittijietek](#) > [Il-Vittmi Ta' Delitti \(għalkemm Hawnhekk Tista' Tfisser Ukoll Tal-kriminalità\)](#)  
> [Kumpens](#) > [Talba Għall-Ħlas Tad-danni Mingħand Min Ikun Wettaq Ir-reat](#) > [Romania](#)

# Talba għall-ħlas tad-danni mingħand min ikun wettaq ir-reat

Il-kontenut ipprovdut minn  
Rumanija



Rumanija

## Kif nista' nressaq talba għall-kumpens tad-danni jew mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon mingħand awtur ta' reat fi proċess (proċedimenti kriminali), u lil min għandi nindirizza din it-talba?

Sabiex tikseb kumpens tad-dannu kkawżat minn reat kriminali, il-parti leża tista' tressaq rikors quddiem qorti kriminali jew ċivili.

L-aktar mezz proċedurali importanti li bihom il-vittmi ta' reat jistgħu jiksbu ordni li ġġiegħel lill-imputat iħallas danni jew kumpens huma billi titressaq azzjoni ċivili fi fhdan il-proċedimenti kriminali. Il-benefiċċju ta' dan l-approċċ huwa li jippermetti li jintużaw il-provi kollha mressqa quddiem il-qorti kriminali, filwaqt li proċedimenti ċivili separati quddiem qorti ċivili huma rregolati mill-“prinċipju tad-disponibbiltà”.

Id-dispożizzjonijiet li jirregolaw kif azzjoni ċivili titressaq fi proċedimenti kriminali huma stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 28 tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.

L-iskop ta' azzjoni ċivili mressqa fi proċedimenti kriminali huwa biex il-persuni jinżammu responsabbli taħt il-liġi ċivili għal kwalunkwe dannu kkawżat mir-reat kriminali li jkun qiegħed jiġi indirizzat mill-proċedimenti kriminali.

Azzjoni ċivili tista' titressaq minn parti leża - jew mis-suċċessuri tagħha - li jkunu *parte civile* fil-proċedimenti kontra imputat u, fejn applikabbli, parti b'responsabbiltà ċivili.

Meta l-parti leża tkun inabilitata jew ikollha kapaċità limitata li taġixxi, l-azzjoni ċivili tista' titressaq f'isimha minn rappreżentant legali jew, fejn applikabbli, prosekutur pubbliku.

Jekk ma jkunux issieħbu fil-proċedimenti kriminali bħala *parte civile*, il-partijiet leżi jew is-suċċessuri tagħhom, jistgħu jressqu azzjoni quddiem il-qorti ċivili għal kumpens għad-dannu kkawżat minn reat kriminali.

## F'liema punt fil-proċedimenti kriminali għandi nippreżenta talba?

Fil-bidu tal-ewwel seduta, il-parti leża tkun informata bid-dritt li tissieħeb fi proċedimenti kriminali bħala *parte civile*.

Rikors biex tiddaħħal bħala *parte civile* (*cerere de constituire ca parte civilă*) jista' jitressaq matul l-istadji ta' qabel il-proċess ta' prosekuzzjoni kriminali jew jitressaq quddiem l-awla preliminari, kif ukoll matul il-proċess, iżda jrid jiġi ppreżentat qabel ma tibda l-investigazzjoni għad-dannu.

Waqt li l-investigazzjoni għad-dannu tkun għadha għaddeja, il-*parte civile* tista' tikkoreġi kwalunkwe żball klerikali fir-rikors biex tiddaħħal bħala *parte civile*, iżżid jew tnaqqas it-talba u titlob kumpens għal danni materjali fil-forma ta' ħlas bi flus, jekk kumpens *in natura* ma jkunx għadu possibbli.

## X'nista' nitlob fit-talba u kif għandi nippreżentaha (nindika ammont totali u/jew nispeċifika t-telf individwali, il-profitti mitlufa u l-imgħaxijiet)?

Biex tiddaħħal bħala *parte civile* trid tagħmel talba bil-miktub jew verbalment. In-natura u l-ammont tat-talba jridu jiġu ddikjarati flimkien mar-raġunijiet u l-provi li fuqhom hija bbażata t-talba.

Jekk dan isir verbalment, il-qorti hija meħtieġa tirreġistrah f'rapport formali jew, fejn applikabbli, f'ordni tal-qorti (*incheiere*).

## Hemm formola speċifika għal talbiet bħal dawn?

Ma hemmx formola speċifika, iżda azzjoni ċivili tista' tingiebi fi proċedimenti kriminali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: Il-*parte civile* tidħol fil-proċedimenti qabel ma tibda l-investigazzjoni ġudizzjarja, u din issir b'talba bil-miktub jew verbali fejn jiġu ddikjarati n-natura u l-ammont tat-talba, kif ukoll ir-raġunijiet u l-evidenza li fuqhom hija bbażata t-talba.

## Xi provi rrid nippreżenta biex insostni t-talba tiegħi?

Fi proċedimenti kriminali, provi jfissru kwalunkwe fatt li jservi biex tiġi stabbilita l-eżistenza jew in-nuqqas ta' eżistenza ta' reat kriminali, li jidentifika l-persuna li wettqitu u li jiddetermina ċ-ċirkostanzi meħtieġa biex il-kawża tinqata' b'mod ġust, u li jikkontribwixxi biex tiġi stabbilita l-verità fil-proċedimenti kriminali.

## Hemm xi tariffi tal-qorti jew spejjeż oħra marbuta mat-talba tiegħi?

Azzjoni ċivili biex tiddetermina r-responsabbiltà ċivili ta' imputat u/jew parti b'responsabbiltà ċivili li titressaq quddiem il-qorti kriminali jew il-qorti ċivili, hija eżentata mit-tariffi tal-qorti (*taxã de timbru*).

## Nista' ningħata għajnuna legali qabel u/jew matul il-proċedimenti? Nista' ningħata l-għajnuna legali anki jekk ma nkunx qed ngħix fil-pajjiż fejn isiru l-proċedimenti?

Il-partijiet u dawk li l-litiganti fi proċedimenti kriminali huma rrappreżentati jew assistiti minn avukat.

Matul il-prosekuzzjoni kriminali, l-avukat tal-parti leża għandu d-dritt li jkun informat bid-data u l-ħin tal-investigazzjoni kriminali jew tas-seduta quddiem l-imħallef tad-drittijiet u l-libertajiet (*judicãtor de drepturi și libertãți*) li jkun preżenti fi kwalunkwe fażi sakemm mhux stupulat mod ieħor mil-liġi, id-dritt li jikkonsulta l-atti tal-kawża u li jissottometti rikorsi u dikjarazzjonijiet. Fl-istess waqt, l-avukat tal-parti leża għandu d-dritt li jingħata l-ħin u l-faċilitajiet meħtieġa biex iħejji u jiżviluppa difiża effettiva.

L-għajnuna legali għall-parti leża hija obligatorja meta ma jkollhiex kapaċità li taġixxi jew kapaċità ristretta li taġixxi, kif ukoll meta l-parti leża tkun vittma ta' reati ta' trattament ħażin ta' minuri, vjolenza domestika, reati li jikkonċernaw traffikar u sfruttament ta' persuni vulnerabbli, u reati kontra l-libertà sesswali u l-integrità. Meta l-qorti tqis li, għal ċerti raġunijiet, il-parti leża ma hijiex se tkun kapaċi tiddefendi lilha nnifisha, din tirranġa għal avukat maħtur mill-qorti biex jiddefendiha.

Il-parti leża għandha d-dritt li tiġi pprovduta b'interpretu mingħajr ħlas meta ma tkunx tifhem, titkellem sew jew ma tistax tikkomunika bir-Rumen u d-dritt li tkun tingħata traduzzjoni f'lingwa li tifhem ta' kwalunkwe riżoluzzjoni mhux tal-proċess (*soluție de netrimitere în judecatã*) meta ma tkunx tifhem bir-Rumen.

## Meta tista' l-qorti kriminali tiċħad jew tirrorifjuta li tiddeċiedi dwar it-talba tiegħi kontra l-imputat?

Kif iddikjarat hawn fuq, azzjoni ċivili tista' titressaq fi proċedimenti kriminali jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin: il-*parte civile* tissieħeb fil-proċedimenti qabel ma tibda l-investigazzjoni ġudizzjarja, u din issir bil-miktub jew oralment bin-natura u l-ammont tat-talba ddikjarati, kif ukoll ir-raġunijiet u l-evidenza li fuqhom hija bbażata

t-talba.

F'konformità mal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, il-qorti t'ħalli azzjoni ċivili mhux solvuta fil-każijiet li ġejjin: fil-każ li l-imputat jiġi lliberat; terminazzjoni tal-proċedimenti kriminali minħabba li l-att ma jkunx jaq' taft il-liġi kriminali, ma kienx hemm kwerele preliminari, awtorizzazzjoni jew rinviu lill-korp kompetenti jew kwalunkwe kundizzjoni oħra stabbilita mil-liġi meħtieġa biex titressaq prosekuzzjoni; amnestija; il-mewt tas-suspettat jew tal-imputat jew jekk tkun ġiet ordnata d-direġistrazzjoni tal-persuna ġuridika suspettata jew akkużata; jekk tkun tapplika l-awtorità ta' deċiżjoni finali (*res judicata*); l-kun seħħ trasferiment ta' proċedimenti miftiehma ma' Stat ieħor f'konformità mal-liġi; fil-każ ta' terminazzjoni tal-proċedimenti kriminali wara l-irtirar tal-kwerele preċedenti; u, jekk il-qorti taċċetta patteġġament u ma jkunx intlaħaq ftehim bonarju jew ftehim ta' medjazzjoni bejn il-partijiet fl-azzjoni ċivili. F'dan il-każ, il-parti leża tista' tressaq azzjoni fil-qorti ċivili għal kumpens għal dannu kkawżat minn reat kriminali.

## Nista' nappella kontra din id-deċiżjoni jew infittex mezzi oħra ta' rimedju/sodisfazzjon?

Jekk qorti t'ħalli l-azzjoni ċivili mhux riżolta, il-parti leża tista' tressaq azzjoni fil-qorti ċivili għal kumpens tad-dannu kkawżat minn reat kriminali.

Jekk qorti kriminali tkun tat deċiżjoni fuq l-azzjoni ċivili, parti leża li ma tkunx sodisfatta b'dik id-deċiżjoni tista' tappella kontra s-sentenza fi żmien 10 ijiem minn meta tingħata dik is-sentenza, jew, fejn applikabbli, fi żmien 10 ijiem minn meta tiġi nnotifikat dik is-sentenza.

## Jekk ningħata kumpens għad-danni mill-qorti, kif nista' nkun żgur li s-sentenza tiġi eżegwita kontra l-awtur tar-reat u x'għajjnuna nista' nikseb biex niżgura dan?

Digrieti dwar danni ċivili u spejjeż li jridu jitħallsu lill-partijiet li jiffurmaw parti minn sentenza fi proċedimenti kriminali huma eżegwiti f'konformità mal-liġi ċivili.

Il-konformità ma' obbligu stabbilit b'deċiżjoni ta' qorti jew titolu eżekuttiv ieħor inizjalment iseħħ fuq bażi volontarja.

Jekk id-debitur jonqos milli jissodisfa l-obbligu b'mod volontarju, il-konformità mbagħad tiġi żgurata permezz ta' miżuri ta' eżekuzzjoni, li jinbdew b'talba lil korp ta' eżekuzzjoni.

L-eżekuzzjoni ta' kwalunkwe titolu eżekuttiv, sakemm mhux stipulat mod ieħor mil-liġi, titwettaq minn uffiċjal ġudizzjarju (*executor judecātoresc*).

Il-proċedura ta' eżekuzzjoni hija t-tieni stadju tal-proċedimenti ċivili u hija maħsuba prinċipalment biex jiġi żgurat l-eżerċizzju attwali ta' dritt rikonoxxut permezz ta' sentenza tal-qorti jew titolu eżekuttiv ieħor. Il-proċedura ta' eżekuzzjoni tiżgura li kreditur li huwa d-detentur ta' dritt rikonoxxut minn sentenza tal-qorti/titolu eżekuttiv jista' jobbliga lil debitur biex jissodisfa l-obbligi li jkun irrifjuta li jissodisfa volontarjament.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-eżekuzzjoni huma stipulati fl-Artikoli 622 sa 914 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

---

L-aħħar aġġornament: 24/05/2024

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidhix fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.